MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1544/2003

**Air Malta plc**

**vs**

**Sant Travel Limited u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2003 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi fejn hemm indikat isem il-konvenut gew kancellati il-kliem 'Sant Travel Limited' u sostitwiti bil-kliem 'Alphonse Sant'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax il-lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm313.77) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' biljetti

tal-ajru u 'cancellation fees' skond 'invoices' mahruga mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ewwel erba' 'entries' fl-'istatement' tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f).
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri,

Sema' x-xhieda ta' Paul Attard u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi fl-'istatement' esebit a fol. 8 hemm rendikont tal-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna u s-socjeta' attrici esebiet ukoll il-fatturi individwali li hemm indikati f'dan l-'istatement' (a fol. 19 et seq. tal-process). Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 in kwantu jirigwarda l-ewwel erba' 'entries' f'dan l-istatement. Dawn l-erba' 'entiries' jirrigwardaw fatturi datati 15 ta' Settembru 1995, 2 ta' Frar 1998, 3 ta' Marzu 1998 u 3 ta' Lulju 1998 rispettivament. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-6 ta' Awissu 2003, u cioe' wara hames snin mid-data tal-hrug tal-fatturi msemmija. Is-socjeta' attrici naqset milli tipprova li l-perijodu preskrittiv gie b'xi mood interrott in kwantu jirrigwarda l-ammonti ndikati f'dawn l-erba' fatturi, liema fatturi jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm184.35, u ghalhekk jidher li l-azzjoni attrici fil-konfront ta' dan l-ammont hija effettivament preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

In kwantu jirrigwarda l-fattura datata 16 ta’ Gunju 2000 fl-ammont ta’ Lm28.00 hemm ammissjoni mill-konvenut li dan l-ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici mentri fil-konfront tal-fattura datata 9 ta’ Marzu 2001 fl-ammont ta’ Lm45.00 (fattura relattiva esebita a fol. 19) il-konvenut isostni li din il-‘cancellation fee’ m’hijiex dovuta peress li huwa kien cempel direttament lill-lukanda in kwistjoni f’Cipru u nfurmahom li kien hemm ragunijiet umanitarji nvoluti u huwa jghid li huma kienu ghalhekk accettaw li jirrinunzjaw ghall-‘cancellation fee’. Il-konvenut jghid ukoll li huwa kien informa lil certu Ingrid, impjegata tas-socjeta’ attrici, b’dawn il-fatti izda tlett xhur wara huwa kien ircieva fattura rigwardanti l-‘cancellation fee’. It-Tribunal jidhirlu li f’dan ir-rigward il-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement li l-lukanda f’Cipru kienu accettat li tirrinunzja ghal ‘cancellation fee’ u li kwindi dan l-ammont m’huwiex dovut lis-socjeta’ attrici. L-istess jinghad in kwantu jirigwarda l-fatturi datati 27 ta’ Settembru 2001 (Lm10.00) u 9 ta’ Ottubru 2002 (Lm39.00) fejn il-konvenut ma jrnexxilux jipprova li dawn il-‘cancellation fees’ ma kienux dovuti minnu lis-socjeta’ attrici. Min-naha l-ohra jidher li l-konvenut ghandu ragun isostni li l-ammont indikat fil-fattura datata 26 ta’ Awissu 2002 (Lm7.42) m’huuwiex dovut minnu lis-socjeta’ attrici stante li kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 151 tal-process dan l-ammont fil-fatt jidher li huwa dovut lill-konvenut mis-socjeta’ attrici bhala ‘commission’. Dan l-ammont ghalhekk ser jitnaqqas mis-somma li hija dovuta mill-konvenut lis-socjeta’ attrici.

Minn dak kollu li ghadu kemm intqal aktar il-fuq jirrizulta li l-ammont effettivament dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attriici huwa dak ta’ Lm114.58.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut in kwantu jirrigwarda l-ammont ta’ mija u erba’ u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm184.35), jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ mija u erbatax il-lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm114.58) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont ta’ mija u erbatax il-lira Maltin

u tmienja u hamsin centezmu (Lm114.58), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istnza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------